Kunsill Lokali Local Council

L-GĦASRI

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Għasri

### Laqgħa Nru. 42 (Is-Seba' Terminu)

Data: 23 ta' Ġunju, 2016

Hin: 7.00pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |
| | Sur Ruben Cassar | - Segretarju Eżekuttiv |

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Quarterly Financial Report – Jannar – Marzu 2016;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Materja oħra;
8. Aġġornament.

6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 21558686 • Fax: (+356) 21558655 • email: ghasri.lc@gov.mt • www.ghasri.com

## 1. Talba

**1.01** Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-41

**2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.01** Ma kienx hemm punti diskussi mill-laqgħa preċedenti u għalhekk il-laqgħa kompliet skond l-Aġenda.

## 4. Korrispondenza

**4.01** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Direttiva 1/2016 – Migrazzjoni sħiħa għall-akkwist elettroniku (Electronic Public Procurement System – ePPS).

**4.02** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 1/2016 – Effiċjenza fil-komunikazzjoni.

**4.03** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 2/2016 – Permessi għall-ħatt ta' merkanzija minn fuq trailers.

**4.04** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 3/2016 – Maratona tal-Volleyball b'risq id-Dar tal-Providenza.

**4.05** Ms Elaine Briffa, uffiċċjal ta' Wasteserv Ltd għamlet referenza għal-laqgħa li saret mal-Kunsill ftit tal-jiem ilu u li għaliha kienu preżenti s-Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi Sindku. Il-laqgħa kienet dwar kif se tkun l-iskeda tal-ġbir ta' skart meta' tiġi introdotta l-iskema tal-ġbir ta' skart organiku. Ms Briffa qed titlob l-iskeda finali biex wara jiġu ipprintjati leaflets u anke issir kampanja ta' edukazzjoni u informazzjoni bieb bieb.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sindku ta' L-Għarb kien talab li issir laqgħa flimkien mal-Kunsill ta' San Lawrenz biex jekk ikun possibbli ikolna skeda simili. Waqt din il-laqgħa saret proposta li l-iskart imħallat (tal-borża s-sewda) flokk is-Sibt jinġabar il-Ħadd wara nofs in-nhar. Il-Kunsill tagħna ma qabilx ma' din il-proposta għar-raġuni ukoll li jistgħu jogħlew il-prezzijiet peress li l-ġurnata tal-Ħadd mhix inkluża fid-dokument tat-tender.

Il-Kunsill qabel li għandna nikkonfermaw l-iskeda proposta mill-Wasteserv Ltd u għalhekk l-iskart imħallat se jinġabar nhar ta' Tnejn u Sibt, l-iskart organiku nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa, l-iskart riċiklabbli nhar ta' Tlieta filwaqt li kull l-ewwel Ħamis tax-xahar jinġabar il-ħġieġ.

**4.06** Naomi Bilson mill-Fondazzjoni Temi Zammit (FTZ) infurmat lill-Kunsill dwar il-proġett Future of our Past (FOP). L-FTZ qed jipproponu lill-Kunsill sabiex jikkollaboraw f'dan

il-proġett. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan il-proġett u qabel li jekk ma hemmx spejjeż involuti s-Sindku għandu jiffirma l-Letter of adhesion.

**4.07** George Mercieca, Segretarju tal-Kumitat Organizzattiv '1551' talab sponsor minn għand il-Kunsill Lokali sabiex jiġi organizzat kunċert mużikali li ser jittella' nhar is-Sibt 30 ta' Lulju fiċ-Ċittadella. Il-Kunsill qabel li ma' hux permess bil-liġi li jagħti sponsor jew donazzjonijiet.

**4.08** Kenneth Cutajar, General Manager tal-iskema tal-ħaddiema tal-ETC u li aħna għandna magħna lil Spiro Farrugia u issa ftit tal-jiem ilu beda ħaddiem ieħor Joseph Camenzuli, informa lill-Kunsill dwar ftehim li sar biex jiġi iffirmat bejn il-Kunsilli Lokali, Community Work Scheme Enterprise Foundation, ANSEK u l-AKL. Il-ftehim jinkludi passi dixxiplinari li jistgħu jittieħdu fil-konfront tal-ħaddiema li ma jkunux jaqdu d-dmirijiet tagħhom tajjeb u anke bonus li jista' jingħata bħala inċentiv għall-istess ħaddiema. Il-Kunsill qabel li nistennew direttiva minn naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan il-ftehim. Jekk ikun hemm qbil bejn il-partijiet kollha l-Kunsill jaqbel li jiffirma dan il-ftehim.

**4.09** Brian Cardona informa lill-Kunsill dwar skema ta' ġbir ta' ħwejjeġ użati. Huwa qed jipproponi li jitpoġġa kontenitur f'post indikat mill-Kunsill u hu jieħu ħsieb li jiġbor il-ħwejjeġ li jintefgħu fih. Il-Kunsill ma qabilx li jitpoġġa kontenitur peress li jista' jiġri l-istess bħal meta kelna l-Bring in Sites li kienu spiċċaw qishom miżbla għar-raġuni li kien jintefa' kull kwalita ta' skart anke barra mill-BIS. Jekk huwa possibbli issir skema fejn madwar erba' darbiet fis-sena jinġabru ħwejjeġ f'xi ġurnata partikulari kif ikun avżat u dejjem ikun hemm sorveljanza biex jiġu evitati l-abbużi.

**4.10** Joe Muscat, Chief Executive Officer tal-Gozo Tourism Association ilmenta mal-Kunsill dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Wied L-Għasri peress li beda l-istaġun tas-sajf u kien ikun aktar idejali li x-xogħol isir wara Novembru. Il-Kunsill qabel li għandna nispjegaw lil Joe Muscat li dan ix-xogħol qed isir b'urġenza wara li l-imsemmija triq ċediet u anke inqaleb trakk. Għalhekk biex nevitaw li jiġru aktar inċidenti kellu jsir ix-xogħol immedjatament u mhux nistennew sa Novembru. Ix-xogħol kollu qed isir mill-Ministeru Għal Għawdex bil-koperazzjoni tal-Kunsill. Fil-fatt peress li l-JCB tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet għamlet il-ħsara u ma setgħetx tkompli x-xogħol, il-kuntrattur tal-Kunsill Anton Mintoff għamel it-taħmil li kien hemm bżonn u b'hekk ix-xogħol seta jitkompla biex it-triq terġa' tinfetaħ għat-traffiku fl-iqsar żmien possibbli.

**4.11** Justin Agius, Gozo Action Group Foundatin Manager, informa lill-Kunsilli Lokali dwar tibdiliet li daħħlu fis-seħħ dwar il-fundazzjonijiet. Għalhekk huwa meħtieġ li l-Kunsilli Lokali jinnominaw rappreżentant sabiex jiffirma dan l-att il-ġdid f'isem il-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jaħtar lis-Sindku biex jiffirma f'isem il-Kunsill Lokali ta' L-Għasri.

## 5. Quarterly Financial Report:- Jannar – Marzu 2016

**5.01** Il-Kunsill iddiskuta dan id-dokument u ġie approvat unanimament.

## 6. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**6.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-042 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 7. Materja oħra

**7.01** Dwar l-attivita ta' Skola Sajf il-Kunsill qabel li għandna noħorġu l-avviżi kemm għall-istudenti biex jattendu u anke għall-għalliema li huma interessati jagħmlu l-lezzjonijiet.

**7.02** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerta għas-servizz ta' tindif ta' toroq issa ġiet ippubblikata bis-sistema ePPS. Il-Kunsill irid jinnomina żewġ persuni bħala opening staff, tlett persuni bħala evalwaturi, Chairperson u Segretarju tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel li Marvic Attard Briffa (Librarian) u s-Sindku għandhom ikunu nominati bħala opening staff, William Sultana, il-Perit Mario Cordina u n-Nutar Roberta Cassar ikunu nominati bħala Evaluators, Dr Joshua Grech ikun nominat bħala Chairman u bħala Segretarju tal-Bord ta' Evalwazzjoni se jkun nominat is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv se jinfoma lil Christopher Galea li huwa l-uffiċċjal inkarigat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-proċeduri tal-ePPS b'dawn in-nominazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel ukoll li jġedded il-kuntratt ta' Godfrey Borg dwar dan is-servizz li għandna bħalissa għal tlett xhur oħra u għalhekk ikun jagħlaq fit-30 ta' Settembru 2016.

**7.03** Il-Kunsill qabel li fil-futur qrib għandhom jibdew diskussjonijiet flimkien mal-Kunsilli Lokali ta' San Lawrenz u L-Għarb dwar ħruġ ta' offerta mill-ġdid għall-ġbir ta' skart. L-offerta li għandna bħalissa tagħlaq f'Marzu tas-sena 2017.

**7.04** Il-Kunsill qabel li għandna nibdew il-proċess sabiex tinħareġ offerta mill-ġdid dwar xiri ta' konkos, żrar u ramel. L-offerta li għandna bħalissa tagħlaq f'Ottubru ta' din is-sena.

**7.05** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerta dwar Hire of Plant and Machinary tagħlaq fit-13 ta' Lulju 2016. Din l-offerta tista' tiġġedded għal sena oħra sat-13 ta' Lulju 2017. Il-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma' ħax sehem fid-diskussjoni. Il-Kunsill qabel li din l-offerta għandha tiġġedded għal sena oħra u għalhekk se tkun tagħlaq fit-13 ta' Lulju 2017.

**7.06** Is-Sindku informa lill-Kunsill li reġa' irċieva suġġeriment sabiex fi Triq il-Fanal fejn kien hemm il-BIS jiġi installat bank. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nixtru bank biex jiġi installat f'dawn l-inħawi.

**7.07** Il-Kunsill qabel li kif isir ta' kull sena tibda tiġi organizzata l-Minibus fix-xhur tas-sajf għall-bajja tal-Qbajjar. Din se tkun kull nhar ta' Tnejn u tibda minn nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju. Dan it-trasport se jiġi provdut minn Paul Borg.

**7.08** Il-Kunsillier Joseph Farrugia informa lill-Kunsill dwar ħajt li waqa' fl-inħawi ta' Triq il-Fanal. Huwa qal li dan importanti li jinbena peress li meta tagħmel ix-xita tista' issir ħsara kbira fir-raba ta' dawn l-inħawi jekk il-ħajt ikun għadu imwaqqa'. Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-ħaddiema tal-Gvern biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

**7.09** Is-Sindku ippropona sabiex jiġu organizzati ħarġiet kulturali matul is-sajf li jkunu immirati għall-familja kollha u anke għaż-żgħażagħ. Il-Kunsill qabel li għandna

norganizzaw dawn l-attivitajiet u għalhekk ser isiru l-avviżi u x-xogħlijiet meħtieġa. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jikkordina sabiex dawn l-attivitajiet isiru.

**7.10** Il-Kunsillier Frank Formosa informa lill-Kunsill li fuq il-gazzetta L-Orizzont tat-2 ta' Ġunju, 2016 kienet dehret ittra dwar is-sitwazzjoni ħażina u perikoluża li jinsab fiha l-Fanal ta' Ġordan. L-ittra kienet iffirmata minn J. Micallef. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kontenut tal-ittra. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill diġa kiteb diversi drabi lill-awtoritajiet konċernati peress bħala Kunsill m'għandniex aċċess għall-Fanal ta' Ġordan u lanqas ma hu fir-responsabilta tagħna. Dan jaqa' taħt ir-responsabilta ta' Transport Malta. Mill-aħħar korrispondenza kienu infurmawna li se jibdew xi xogħolijiet ta' restawr. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jkompli jsegwi u jinsisti mal-awtoritajiet sabiex isir ix-xogħol ta' restawr fl-iqsar żmien possibbli u qabel issir aktar ħsara.

## 8. Aġġornament.

**8.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 28 ta' Lulju 2016 fis-7.00pm.

**8.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv |

Data: 23 ta' Ġunju, 2016